

# Il-Għargħur, Raħal Malti

Kitba ta' **Tony Terribile**

Il-Għargħur hu wieħed mill-isbaħ irħula li nsibu f'dawn il-gżejjer. Minkejja l-progress, dan ir-raħal għadu jżomm il-karatteristika ta' raħal Malti. Il-qagħda tiegħu fil-għoli tagħtu l-motto tiegħu EXCELSIOR (L-Aktar Għoli).

B'din id-dehra imperrċa hu mdawwar bil-kampanja u b'widien pittoreski. Meta wieħed ikun riesaq lejh, jinduna li l-knisja parrokkjali għadha tiddomina dan ir-raħal. F'din id-dehra wieħed jista' jara l-ħitan tas-sejjieħ imserrpa qalb l-għelieqi bis-siġar tal-ħarrub jistrieħu fuqhom.

It-toroq dojoq u qodma jwasslu kollha fil-misraħ prinċipali tar-raħal. Hawn tiddomina l-knisja parrokkjali ta' San Bartilimew mibnija skond il-pjanta ta' Tumas Dingli fl-ewwel snin tas-seklu sbatax. Għandha forma ta' salib latin u l-faċċata tagħha hi mibnija fuq pilastri ta' stil Joniku u Korint.

Fil-għoli fuq il-bieb maġġur jidher il-qaddis Padrun skulturat fil-ġebel, bħala għassies fuq ir-raħal tiegħu.



Mad-dawra taz-zuntier, fejn l-irġiel tar-raħal għadhom jiddiskutu bejniethom, naraw l-erba' statwi kbar tal-ġebel li fihom naraw l-erba' evanġelisti.

Dan l-ambjent sabiħ hu mżejjen ukoll bl-arloġġ tax-xemx ħdejn waħda mit-twieqi kwadri tal-knisja, tipiċi ta' Tumas Dingli.

Tipika ta' raħal malti ta' l-imgħoddi hija l-mitħna, li kienet mezz importanti għall-għajxien tal-poplu. Fil-Għargħur kien hemm ukoll mitħna li l-embut tagħha għadu jixref fuq id-djar tal-Għargħurin.

Bosta minn dan id-djar, għalkemm żgħar, huma mżejna b'xi niċċa tal-ġebel, u bil-gallerija tipika maltija tistrieħ fuq is-saljaturi sbieħ skulturati fil-ġebla.



L-istess qed jagħmlu l-kappelli u l-knejjes żgħar li nsibu mxerrda fir-raħal u madwaru fosthom dik ta' San Ġwann il-Battista, li għad-dell tagħha nsibu ċ-ċimiterju tar-raħal.



Żgur iżda li marbuta man-nies ta' dan ir-raħal hija l-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala "Taż-Żellieqa", opra oħra ta' Tumas Dingli.

Iż-żewġ irħamiet imwaħħla fil-faċċata tagħha juruna l-qedem ta' din il-knisja.



L-ambjent quddiem din il-knisja hu mill-isbaħ. Hu parti minn Wied id-Dis. Fix-xitwa, dan il-wied jidher isbaħ. Qalb il-ġebel tal-ħitan tas-sejjieħ, fuq il-blat, fil-passaġġi, f'kelma waħda kullimkien wieħed jista' jara kull kwalità ta' ħaxix li qed ikompli jsebbaħ dan il-wied.

Il-ħemda li ssaltan f'dawn l-inħawi hi miksura biss bil-għana u t-tpespis tal-għasafar l-aktar "tal-Bejt" li bil-għana u t-tpespis tagħhom qed ikomplu jżejnu dawn l-inħawi ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

Dan ir-raħal, barra li hu mżejjen b'din il-kampanja sabiħa u mlewna, fuq ix-xaqliba l-oħra tar-raħal wieħed jista' jara u japprezza s-sbuħija tal-baħar sabiħ tagħna, għaliex l-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq jagħmlu parti minn dan ir-raħal. Hawnhekk, il-mewġ tal-baħar jħabbat u jsabbat



mal-blat ta' Baħar iċ-Ċagħaq joffri kuntrast mal-ħemda u l-kwiet tal-widien li jdawru dan ir-raħal.

F'dawn l-inħawi l-istorja u s-sbuħija naturali jitħalltu flimkien għaliex hawn insibu bosta postijiet b'rabta storika bħalma hi l-knisja ta' San Ġwann l-Evanġelista mibnija fis-seklu tmintax, it-torri ta' Qalet Marku mibni mill-Gran Mastru De Redin fl-1657, u l-



Fortizza tal-Madliena li din inbniet fl-1880 fi żmien il-Gvernatur Borton.

Għall-istess skop kienu nbnew il-Victoria Lines li parti minnhom qed ikomplu jsebbħu l-ambjent ta' dan ir-raħal.

Dan il-bini, b'rabta kbira ma' l-istorja ta' dawn il-gżejjer, huwa l-isbaħ xhieda kemm mill-imgħoddi Ħal Għargħur (għalkemm raħal żgħir) kellu sehem kbir fl-istorja ta' dawn il-gżejjer.

Is-sbuħija naturali li rajna flimkien li ddawwar dan ir-raħal hi l-frott ta' l-art għammiela ta' dan ir-raħal. Minkejja l-progress, u xi tibdiliet li saru fih, il-Għargħur għadu jgawdi s-sbuħija oriġinali li kellu fl-imgħoddi.

Jalla jibqa' hekk!


JOHN C VELLA

AGENTS • IMPORTERS • DISTRIBUTORS

*Sewing Machines, Needle & Hobby Crafts, Trimmings & Haberdashery*

DMC | LANARTE | PERMIN | HERITAGE | VERVACO | PRINCESSE | MARIE COUER
CROSS-STITCH, EMBROIDERY, TABLECLOTH, CUSHION & LATCH HOOK KITS, MATERIALS & ACCESSORIES

PFAFF
SEWING MACHINES SALES & SERVICING
STEAM IRONERS
QUILTING MACHINES

COUNTRY | MADAME TRICOTE
KNITTING, CROCHET & LACE YARNS

APPLE
KNITTING NEEDLES & CROCHET HOOKS

ZWEIGART
NEEDLEWORK FABRIC

MARGOT | SEG
PRINTED TAPESTRY CANVAS

DAYLIGHT
LAMPS & MAGNIFIERS

KLASS & GESSMANN | WHITMAC
WOODEN CRAFT STANDS, FRAMES & HOOPS

CURTAIN TRIMMINGS
RANGE OF MATCHING TASSELS, BULLION, RUCHING, TRIMMINGS, BRAIDS & CORDS
TAPES, BRASSWARE, RAILS

PRACHT
GANUTEL WIRES, BEADS, PEARLS & SWAROVSKI CRYSTALS

JOHN JAMES
ENGLISH QUALITY NEEDLES

FRAMING & STRETCHING
TAPESTRY, CROSS-STICH, EMBROIDERY...

...AND MUCH MORE!

95/97/99 Constitution Street, Mosta MST08 • Tel: 21 433863 Fax: 21 432094 • Email: johncvella@johncvella.com • Web: www.johncvella.com


